MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 160/2007/1

**Joseph Buttigieg u Carmel *sive* Lino Farrugia fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti**

**vs**

**Julia Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Dicembru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Mejju 2007 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi nomine dik is-somma

li tigi stabbilita' minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur sia tal-artikolu 28 u kif ukoll ta' l-artikolu 29 ta' l-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248) u dana prevja d-dikjarazzjoni li l-istqarrija ossija l-artikolu riportat fil-gazzetta Illum (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) datata 11 ta' Marzu, 2007 kienet falza u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi nomine u kienet tikkontjeni allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta' l-atturi nomine b'mod li attribwietilhom fatti determinanti bi skop li toffendi l-unur, r-reputazzjoni u l-fama taghhom u li tesponihom ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta giet debitament notifikata izda baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Carmel sive Lino Farrugia;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija rizultat ta' artikolu li gie ppubblikat mill-konvenuta fil-11 ta' Marzu, 2007 fil-gazzetta "Illum" illi kien qieghed jirraporta incidenti illi graw wara protesta illi saret mill-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba u Konservazzjonisti li taghha Joseph Buttigieg huwa l-President u Lino Farrugia huwa s-Segretarju. Dawn iz-zewg persuni qieghdin partikolarment jilmentaw mit-titolu ta' l-artikolu u cioe' illi *"Ufficjali ta' l-FKNK jheddu lill-membri ta' l-Istampa".* Hemm ukoll imbaghad xi paragrafu li kienu oggezzjonabbli ghal Lino Farrugia u cioe' l-ahhar parti mit-tieni kolonna sat-tieni paragrafu ta' l-ahhar kolonna.

Irrizulta bhala fatt illi fis-7 ta' Marzu, 2007 il-federazzjoni organizzat protesta nazzjonali fil-Belt

li fiha attendew eluf ta' nies. Fuq quddiem kien hemm l-ufficjali tal-federazzjoni illi ppreparaw *memorandum* jew petizzjoni biex tinghata lill-membri tal-Kamra tar-Rapprezentanti. Fl-eghluq tal-protesta gew konsenjati l-petizzjoni u n-nies bdew sejrin lura u hergin mill-Belt. Jidher pero' illi f'xi hin inqala' xi incidenti mal-gurnalisti u fosthom kien hemm il-konvenuta Julia Farrugia.  L-atturi ma kienux qeghdin fuq il-post dak il-hin u marru biex jaraw x'gara u hawnhekk tinqala' l-kontroversja meritu ta' din il-kawza, fejn l-atturi qeghdin jallegaw illi ma gara xejn partikolari fil-konfront taghhom, anzi marru biex jghinu halli jaraw kif jistghu jevitaw incidenti aktar serji, izda l-mod kif gie rappurtat deheru illi huma kienu qeghdin jinstigaw l-inkwiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti m'ghandhiex il-konfort jew beneficcju tal-versjoni tal-konvenuta u ghalhekk trid toqghod fuq dak illi qal l-attur Carmel Farrugia u cioe' illi meta huma waslu fuq il-post ta' l-incident, ippruvaw jikkalmaw lin-nies u jaraw li ma jwegga' hadd. Is-Sur Farrugia nnega bl-aktar mod kategoriku illi hu jew xi ufficjali ohra heddu lill-membri ta' l-istampa.

Fil-paragrafu lamentat mill-atturi nghad illi *"Ragel illi kien akkumpanjat minn Lino Farrugia Segretarju ta' l-FKNK kompla  jitmashan u anke ghajjar lill-konvenuta u jghidilha biex taghlaq halqha."* Il-Qorti wara li qrat dan il-paragrafu ssib illi difficli tasal biex tikkondividi s-sottomissjoni ta' l-atturi illi huma gew ingurjati b'dak il-kliem. Hemm biss rappurtagg ta' dak illi gara lill-gurnalista Julia Farrugia. L-Ufficjali ta' l-FKNK imkien ma jissemmew. Issemma biss ragel li kien akkumpanjat minn Lino Farrugia. L-identifikazzjoni tar-ragel m'hija bl-ebda mod konfermata u ghalhekk ma jistax jinghad illi dan ir-ragel kien xi membru tal-kumitat tal-federazzjoni.

Kif ighallem Gatley fil-ktieb tieghu Libel and Slander (pg 182) *"to succeed in an action of defamation, the client not only had to prove that the defendant published the words and that they were defamatory. He had to identify himself as the person defamed .... The test in every case was whether reasonable people will understand the words to point to plaintiff personally"*. (Ara wkoll Desira Buttigieg vs Cossai Vol XLII pt iv pg 1528). F'dan il-bran il-Qorti tikkunsidra illi l-ufficjali ta' l-FKNK mhumiex facilment identifikabbli. Lanqas ma jista' jinghad illi huma setghu jigu identifikati minn *reasonable person*. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dak li jirrigwarda dawn il-paragrafi ma ssib xejn libelluz jew malafamanti fil-konfront ta' l-atturi.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda t-titolu ta' l-artikolu pero' dan ovvjament mhux veru. Kif xehed Carmel Farrugia huma marru fuq il-post wara li gew infurmati bl-incidenti u mhux qabel u marru hemmhekk bl-iskop li jikkalmaw l-affarijiet u mhux jheddu lil xi hadd. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dak li jirrigwarda t-titolu ta' l-artikolu mhux veru li l-ufficjali tal-FKNK heddu lill-membri ta' l-istampa. Pero' l-Qorti tikkunsidra illi fid-daghdija ta' dawk l-incidenti jista' jkun illi l-prezenza ta' l-ufficjali tal-Federazzjoni setghet giet misinterpretata u ghall-artikolist deheru illi huma effettivament qeghdin jhedduhom.

Kif gia nghad il-Qorti m'ghandhiex il-versjoni tal-konvenuta u trid toqghod fuq dak li jirrizulta mill-atti u cioe' l-artikolu wahdu abbinat max-xhieda ta' l-attur Farrugia. Ghalhekk il-Qorti ssib f'dawn ic-cirkostanzi illi l-atturi ghandhom ragun. It-titolu ta' l-artikolu jista' jimmalafamahhom peress illi qed jindika fatt li mhux effettivament gara fil-konfront taghhom u cioe' illi ma kienx minnu li huma heddew lill-membri ta' l-istampa.

> Ghalhekk il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi. Tiddikjara illi t-titolu ta’ l-artikolu ripurtat fil-gazzetta “Illum” datat 11 ta’ Marzu, 2007 kien malafamanti fil-konfront ta’ l-atturi nomine u tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn lira (Lm200). Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.”

Mill-korp tar-rikors ta’ l-appell tal-konvenuta fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza din il-Qorti tara illi d-diversi ilmenti taghha jistghu jigu suddivizi kif gej:-

(1) Bl-ewwel tliet aggravji l-appellanti tippretendi li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghal dawn il-motivi, u cjoe, li:

(a) il-kawza hi monka in kwantu l-atturi naqsu milli jippremettu li huma kienu qed javvanzaw il-pretiza taghhom fl-interess u ghan-nom tal-ghaqda li taghha ppremettew li kienu ufficcjali;

(b) l-atturi, ufficjali tal-ghaqda, ma kellhomx interess guridiku. Hi tispjega dan fuq l-assunt illi taht ir-ritratt fl-ewwel faccata tal-gurnal ir-referenza kienet ghal David Briffa biss u l-ebda haddiehor mill-ufficcjali ta’ l-istess ghaqda;

(c) hlief ghall-imsemmi David Briffa, l-ufficjali l-ohra tal-ghaqda ma humiex identifikabbli;

(2) Bir-raba’ aggravju l-appellanti, wara li tittanta tiggustifika l-kontumacja taghha quddiem l-ewwel Qorti, tikkwerela l-gudizzju ta’ l-istess Qorti b’dawn il-motivi: (i) il-Qorti kellha tinsisti ghall-produzzjoni ta’ David Briffa bhala xhud, u (ii) kellha taghtiha l-opportunita` li tipprezenta n-nota referenzjata fl-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12;

(3) Permezz tal-hames u tas-sitt aggravji taghha l-appellanti tressaq kontestazzjonijiet fil-mertu fis-sens li l-istampat kien jikkostitwixxi “*fair comment*”, u, dippju, li l-ghazla tat-titolu ta’ l-artikolu huwa prerogattiva ta’ l-editur;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha l-ewwelnett tghaddi biex tinvesti r-raba' aggravju ghaliex, kif inhu pacifiku, ankorke l-kontumaci ghandu dejjem dritt li jappella l-Qorti ta' revizjoni ghandha, qabel kollox, tikkunsidra jekk l-appellanti ggustifikatx il-kontumacja. Ara "**Sister Luigia Grech *nomine et* -vs- Anthony Mercieca Ciancio**", Appell Civili, 4 ta' Mejju, 1994;

Qabel din il-konsiderazzjoni jigi rilevat illi ma jezisti ebda kuntrast illi effettivament l-appellanti kienet kontumaci quddiem l-ewwel Qorti. Dan sew fl-atti kif ukoll fl-udjenza in bazi ghall-izvilupp innovattiv in mertu introdott bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede civili, tat-28 ta' Mejju, 1990 fil-kawza "**Costantino Abela *et* -vs- George Azzopardi**";

Issa l-gustifikazzjoni avvanzata mill-appellanti ghall-istat kontumacjali taghha jikkonsisti mis-sottomissjoni illi n-nuqqas taghha li tipprezenta eccezzjonijiet jew li tidher fl-udjenza kien rizultat ta' malintiz minhabba diversi kawzi pendenti kontra d-dar pubblikatrici Media Today. Bir-rispett dovut din il-Qorti mhix wisq impressjonata minn din ir-raguni, ossija skuza, u, fil-verita`, ma ssibx li din is-sottomissjoni tikkostitwixxi "kawza gusta", "impediment legittimu" jew "necessita` impellenti" ghal liema principji tirreferi s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1937 in re; "**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**";

Premess dan, biex tinghata twegiba lil certi deduzzjonijiet maghmula fl-istess aggravju ghandu jinghad, qabel xejn, illi in linea ta' principju generali l-kontumacja hu fatt processwali li jgib mieghu l-effetti specifici prevvisti u determinati mil-ligi fl-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12. Ragonevolment, din l-istess kontumacja ma tassumi ebda sinjifikat probatorju ghaf-favur tat-talba attrici u, del resto, lanqas ma tintroduci xi deroga ghall-principju tal-piz tal-prova. Ghaldaqstant, "il gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-

konvenut" ("**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru, 1934). Hemm raguni ghal dan. Il-kontumacja ma tekwivalix ghall-ammissjoni tal-fatti dedotti u lanqas ghal xi manifestazzjoni ta' volunta favorevoli ghall-pretiza tal-kontroparti. Il-fatti allegati jridu wkoll ikunu pprovati. Huwa proprju dak l-istess ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti fil-fattispeci;

Naturalment, id-disponibilita` tal-provi hi mhollija fl-inizzjattiva tal-parti u l-gudikant irid jiddeciedi l-kawza in bazi ghal dawk il-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Dan fuq l-istregwa tal-principju *iuxta alligata et probata.* Ma kien hemm ebda obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci hi l-provi li fid-djalettika processwali huwa fil-poter esklussiv tal-parti. Kif espress fis-sentenza fl-ismijiet "**Kritinu Grech -vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju, 1998, "l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar provi u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova." Mhux ukoll, kif inhu pretiz mill-appellanti, illi l-ewwel Qorti kien messha insistiet ghal produzzjoni ta' David Briffa bhala xhud;

B'kumment ghall-ahhar punt sollevat f'dan l-istess aggravju, l-Qorti jidhrilha li s-silta li ssegwi ghandha twiegeb sew ghalih:-

"In-nuqqas tieghu (tar-rapprezentant) li jidher, meta msejjah, zied jippregudiika l-posizzjoni tas-socjeta` appellanti (kontumaci) ghaliex il-Qorti ma kienetx obbligata li qabel taghti s-sentenza taghti zmien qasir, li ma jistax jiggedded, biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba ta' l-attur u dan kif provvedut fis-subinciz (10) ta' l-istess Artikolu 158 tal-Kapitolu 12." – "**Carmelo Camilleri -vs- Soap and Sponge Limited**", Appell, 30 ta' Marzu, 1999;

Skartat ir-raba' aggravju ghal konsiderazzjonijiet kollha predetti, certament, b'preliminari ghall-aggravji l-ohra,

jibda biex jinghad illi l-appellanti, xorta wahda pero`, kellha, anke fl-istadju ta' l-appell, id-dritt li titratta l-kaz taghha u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha fuq l-atti u l-provi migbura. Dan, nonostante, li hi ma kienetx iggustifikat il-kontumacja formali taghha. Ara, a propozitu, "**Joseph Aquilina *nomine et* -vs- Lino Debono**", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997;

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti fl-ewwel tliet aggravji taghha ta' indoli procedurali din il-Qorti hi fl-ewwel lok sodisfatta illi l-avviz promotur jikkontjeni elementi bastanti biex ikun maghruf min qed jaghmel l-azzjoni u f'liema kwalita`. Mill-punto di vista guridiku, imbaghad, tajjeb li jigi mfakkar illi skond l-Artikolu 171(1) tal-Kapitolu 12 il-kawzali jew il-premessi ghat-talba lanqas ma huma strettament necessarji f'kawza civili quddiem Qorti ta' sede inferjuri imma bizzejjed li barra mill-firma tar-Registratur, l-avviz ikun fih l-ismijiet tal-partijiet, it-talba ta' l-attur u d-data u l-hin li fihom il-konvenut ghandu jidher. Ara "**Donald Darmanin -vs- Direttur tal-Portijiet**", Appell Inferjuri, 9 ta' Novembru, 1977;

Fuq il-kwestjoni ta' l-identifikazzjoni u tal-karenza ta' l-interess guridiku abbinat mieghu, wara li din il-Qorti ezaminat l-istampat impunjat u l-atti istruttorji tal-kawza, ma ssibx li s-sottiljezzi propunjati mill-appellanti in mertu jimmeritaw l-adezjoni taghha. Ibda biex il-kriterju ghal skop ta' identifikazzjoni kapaci jissussisti, anke fl-assenza ta' indikazzjoni espressa, minn frazijiet, alluzjonijiet u riflessi li jitnisslu minn partijiet specifici ta' l-artikolu denunzjat (ara "**Thomas Hedley *proprio et nomine* -vs- Karmnu Zammit**", Appell Kriminali, 10 ta' Marzu, 1956), kompriz allura minn xi titolu tieghu. Hekk jinsab spjegat mill-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Edition, para. 359, pagna 361), "*if a libellous article in a newspaper is introduced by a libellous heading or title, evidence that the facts stated in the article are true is not sufficient; the heading or title must also be justified*";

Fil-kuntest ma huwiex accettabbli l-argoment ta' l-appellanti illi t-titolu "Ufficjali ta' FKNK jheddu lill-membri ta' l-istampa" kien necessarjament u bilfors abbinat mal-persuna ta' David Briffa biss. L-uzu tal-plural "ufficjali" jissinifika illi kien hemm ohrajn u tali kien jitfa r-rifless ghal dik l-allegata kondotta illecita fuq ufficjali ohra tal-Federazzjoni. Komprizi, allura, l-persuni li mexxew il-proceduri. Jikkonsegwi illi l-interess guridiku ta' dawn kien wiehed dirett, legittimu, attwali u kapaci li jwassal ghal rizultament utli ghalihom;

Anke allura l-ewwel tliet aggravji qed jitqiesu insostenibbli;

Fuq il-kuncett tal-"*fair comment*" sollevat bil-hames aggravju, it-tezi generali skond gurisprudenza stabbilita hi dik li l-kumment, biex ikun gustifikat, jehtieg li jkun "*fair and bona fide*" u tali ma jistax ikun jekk il-fatt attribwibbli ma hux sostanzjalment ezatt u veru. Ara, ad ezempju, "**Reginald G. Miller -vs- Harold Scorey**", Appell Kriminali, 8 ta' Novembru, 1952 u "**Onor. Mabel Strickland -vs- Joseph Micallef Stafrace**", Appell Kriminali, 29 ta' Settembru, 1959;

Kif gja intwera aktar 'il fuq il-fatt attribwibbli lill-atturi bit-titolu oggezzjonat hu dak li, in kwantu huma wkoll ufficjali tal-Federazzjoni, heddew lil membri ta' l-istampa. Din fiha nfisha hi akkuza serja u ta' certa gravita li kellha tigi pruvata biex setghet titqies "*fair comment*". Din il-prova ma saretx quddiem l-ewwel Qorti. Issa f'din is-sede l-appellanti tittanta tippeska prova bhal din bl-esebizzjoni ta' diversi rapporti minn gurnali ohra flimkien mar-rikors ta' l-appell taghha. Din il-Qorti ezaminat dawn l-istess esebiti pero` minn ebda wiehed minnhom ma jirrizultalha xi attribuzzjoni ta' theddid da parti ta' xi ufficjali tal-Federazzjoni. Il-Qorti ma ssibx raguni biex ma toqghodx fuq il-provi in atti u minn dawn ma tistax ma tirrilevax illi ebda verita` oggettiva ta' l-allegat thedded ma tirrizultalha. La dan huwa hekk ma kien hemm ebda gustifikazzjoni sostantiva ghall-kumment li sar fit-titolu ta' artikolu taht il-firma ta' l-appellanti;

Mhux ghal din il-Qorti li tikkonsidra ta' min hi l-prerogativa fl-ghazla tat-titoli ta' artikoli. Apparti li ma saritilha ebda prova f'dan il-kuntest, l-appellanti xorta wahda ma tistax tippretendi li din is-sottomissjoni, mhux lanqas ipprovata, tista' sserviha bhala xi skriminanti mir-responsabilita` ghad-diffamazzjoni li hi, kif inghad, kienet l-awtrici ta' l-artikolu;

Kemm dan l-ahhar aggravju u dak ta' qablu huma, ghaldaqstant, infondati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrigetta l-appell fl-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------